



Il-Wegħda ta' Pegasus

Storja ta' għaqda u paċi



Ismagħni
europa.eu/!vchFRK

Il-manuskritt tlesta f'Jannar 2025

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

© L-Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tal-Kummissjoni hi implimentata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj>).

Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi. L-Unjoni Ewropea ma għandhiex id-drittijiet tal-awtur f'rabta mal-elementi li ġejjin:

Paġni 7, 11, 15 u 16, © DAIYAN MD TALHA/stock.adobe.com

Print	ISBN 978-92-68-03973-1	doi:10.2775/7219	NA-05-23-109-MT-C
PDF	ISBN 978-92-68-03941-0	doi:10.2775/048374	NA-05-23-109-MT-N

Il-Wegħda ta' Pegasus

Storja ta' għaqda u paċi

Ejja nħallu l-immaġinazzjoni teħodna lura għal żminijiet
oħra, meta Pegasus, żiemel maestuż bi ġwienaħ enormi,
kien jgħix mal-bnedmin u tgħidx kemm kellu avventuri.

Kapitlu 1

Darba waħda kien hemm żiemel sabiħ u bil-ġwienaħ, jismu Pegasus. Forsi smajtu bih? Għal ħafna snin, din il-kreatura maestuża kienet tqatta' jiemha tittajjar għalenija fis-sema ikħal sabiħ jew inkella tilgħab fis-sħab f'xi maltempata u erħilha tiżgiċċa s-sajjetti, fi triqitha biex, ta' spiss, flimkien mal-eroj, tissielet il-mostri. Iżda llum Pegasus kien qed itir bil-mod, bi ġwinħajh iperpru bid-dwejjaq. Kieku kellek tħares ftit aktar mill-qrib, kont tara li kien qed jibki; bid-dmugħ tiegħu nieżel lejn id-dinja fejn kienu jgħixu n-nies.

Pegasus, vjaġġatur tul ħajtu kollha, kien għex f'kontinent antik mindu twieled. Maż-żmien, il-komunitajiet ta' nies li kienu jgħixu hemmhekk ingħaqdu flimkien biex jiformaw ħafna pajjiżi differenti. Xi wħud mill-pajjiżi kienu kbar, oħrajn żgħar; xi wħud kellhom deżerti ramlja, oħrajn glaċieri jleqqqu, xi wħud kellhom għelieqi mimlijin fjuri, oħrajn muntanji maestużi; u xi wħud kellhom bini kwadru baxx, filwaqt li oħrajn kellhom bini għoli ppuntat. Dan il-bini sawruh skont il-klima ta' kull pajjiż minn fejn kien ġej, bnewh bl-injam, b'disinji u forom kumplessi. Kull pajjiż kien jittellem bil-lingwa tiegħu, u Pegasus kien iħobb jismagħhom waqt li jtir minn post għall-ieħor.

Billi kienu tant differenti minn xulxin, in-nies ta' dawn il-pajjiżi, ara li ma taħsibx li ma kellhom xejn fosthom l-istess. Kellhom, u kif! F'kull pajjiż, it-tfal kienu jidħku fit-toroq waqt li jkunu sejr in lejn l-iskola, il-bdiewa kienu jaħdmu fl-għelieqi, il-kittieba kienu jiktbu l-kotba u l-mużiċisti kienu jdoqqu mużika ferriħija biex in-nies jiżfnu magħha. Kullimkien, in-nies kienu jixtru u jbigħu ikel bnin u oġġetti żgħar ikkuluriti fi swieq mimlijin ħajja, u filgħaxijiet, kulħadd kien imur id-dar biex joqgħod mal-familji u mal-maħbubin tiegħu. Pegasus il-pajjiżi kollha sbieħ kien jarahom, u l-hena tiegħu jżurhom kollha.

Allura għaliex kien qed jibki Pegasus?

Minħabba dak li kien qed jara mill-ajru. Hekk kif kien qed itir fuq il-kontinent li kien tant iħobb, huwa ra li kienet feġġet xi ħaġa terribbli.

Minkejja li n-nies kienu jaqblu fuq ħafna affarijiet, kien hemm xi nuqqas ta' ftehim bejniethom minħabba d-differenzi tagħhom. Ma baqgħux jafdaw lil xulxin u bdew isiru suspettużi u jibżgħu minn xulxin. Il-problemi bejn il-pajjiżi kienu kibru u issa bdew jiddikjaraw il-gwerer kontra xulxin. Il-komunitajiet li kienu jgħixu hemmhekk u li xi darba kienu vivaċi u pjaċevoli, infirdu, il-familji ħarbu u l-armati kibru. In-nies waqfu jaħdmu, l-iskejjel għalqu u l-bdiewa abbandunaw l-għelieqi tagħhom. Il-fdalijiet ta' binjiet imġarrfa bil-bombi kienu miksijin bid-duħħan ħiereġ minnhom. Suldati bl-uniformijiet kienu qegħdin għassa kullimkien, iżda ħadd ma ħassu sikur.

'Il fuq fil-għoli, Pegasus ma setax jemmen x'kien qed jara b'għajnejh. Kien qed jara biss uġiġħ u tbatija. X'seta' jagħmel? Kif seta' jgħin? Ma kienx qed jifhem għaliex in-nies kienu daru kontra xulxin. B'qalbu maqtugħa, għalaq għajnejh u beda jibki. Ma setax jissapporti aktar, u għalhekk f'dak il-mument iddeċieda li jitlaq mill-kontinent maħbub tiegħu. Huwa tar 'il-bogħod mill-bliet, mill-muntanji u mill-għelieqi, mill-glaċieri u mid-deżerti, sakemm fl-aħħar niżel f'qiegħ foresta mudlama. Waqt li niżel ħdejn xmara kwieta, huwa għalaq ġwinħajh u għamel wegħda miegħu nnifsu: "Qatt ma jien se nerġa' niftaħ gwinhajja, nixtieq naħrab mill-uġiġħ tal-gwerra li qed teqred il-kontinent maħbub tiegħi." Pegasus dam snin idur fil-forestu u qatt ma ltaqa' ma' ħadd aktar. L-uniċi ħbieb tiegħu kienu l-animali.

Għodwa fost l-oħrajn, hekk kif kien miexi lejn ix-xmara, iltaqa' ma' barri abjad kbir li kien qed jixrob l-ilma. Ħdejn il-barri kien hemm tifla misterjuża, b'xagħarha iswed u b'għajnejha skuri. Kienet liebsa libsa sabiħa, b'kuluri vivaċi qishom qed jiżfnu, u meta tiċċaqlaq, kien hemm qishom stilel żgħar iduru magħha. Il-kuluri tal-libsa tagħha fakkru lil Pegasus fil-ħafna komunitajiet mimlijin ħajja tal-pajjiżi li ħalla warajh. It-tifla ttawlet minn fuq għonq il-barri hekk kif dan tbaxxa biex jerġa' jixrob. Ħarset lejn Pegasus u tbissmet.

“Bonġu Pegasus,” qaltu, bħallikieku kienet tafu. “Ġejna hawnhekk biex nistrieħu naqra u nixorbu ftit ilma.”

Sorpriż, Pegasus wieġeb: “Taf min jien? Tant ili ma nara xi bniedem, li ħsibt li nsejtuni lkoll, iżda ninsab kuntent ħafna li qed niltaqa’ miegħek.”

Qabel ma mqar staqsiha min kienet jew x’kienet qed tagħmel fil-forest, it-tifla misterjuża qalet bi stagħgħib: “Tassew? Dak kif ma rajt lil ħadd?”

“In-nies normalment ma jidħlux daqshekk fil-fond tal-forest mudlama,” wieġeb Pegasus. “Moħħhom biss biex jiġġieldu u jeqirdu dak kollu li bnew. Għalhekk ninsab hawnhekk, biex inkun kemm jista’ jkun ‘il-bogħod mill-gwerra,” qalilha hekk kif ħares ‘l hemm.

“Iżda, Pegasus,” it-tifla qalet bil-mod, “il-gwerra spiċċat.”

“Spiċċat?” Pegasus ma setax jemmen lil widnejh. Beda joqmos u jistagħgħeb, “Dan kif?! X’aħbar tajba!” Ftakar b’għożża fil-ħbiberija u fil-ferħ tal-kontinent qabel il-gwerra, u kien ilu mxennaq biex jerġa’ jmur lura. Stenna li t-tifla tkun eċċitata bħalu, iżda minflok, hija ħarset lejha b’wiċċ serju.

“Iva, il-gwerra spiċċat. Iżda n-nies inbidlu: huma mbeżżgħa u diżappuntati. Djarhom inqerdu u qed jibzżgħu li terġa’ tfaqqa’ xi gwerra oħra. Tilfu t-tama.”

Pegasus hašsha dik is-sensazzjoni ta’ nuqqas ta’ tama, kienet sensazzjoni tal-biża’ u ta’ solitudni. Kien jaf li kellu jagħmel xi ħaġa. “Niftakar żmien meta l-pajjiżi kienu jgħixu flimkien fil-paċi. Nixtieq infakkar lin-nies f’dawk iż-żminijiet u ngħinjom jerġgħu jingħaqdu” stqarr b’mod deċiż.

It-tifla xenglet rasha u qablet miegħu. “Tista’ taħseb kif b’xi mod tgħaqqad in-nies flimkien wara l-gwerra?” staqsietu.

Pegasus ma tkellimx għal ftit ħin, hekk kif intilef fil-ħsibijiet profondi tiegħu, filwaqt li grupp żgħir ta’ annimali tal-forest kurjużi ngħabru biex iħarsu lejha u lejn it-tifla. “Jista’ jkun hemm paċi biss jekk in-nies isibu xi ħaġa li lkoll jimpurtahom minnha, xi ħaġa li turihom x’għandhom li huwa tagħhom ilkoll. Se ngħinjom!” qal, filwaqt li f’daqqa waħda fetaħ il-għwienah daqsie x tiegħu

b'determinazzjoni. L-annimali baqgħu ċċassati, qatt ma kienu rawh jiftaħ ġwinħajh qabel.

It-tifla qablet. “Jekk in-nies jaħdmu flimkien għal skop komuni, huma se jindunaw x'inhuma l-ħtiġijiet li jaqsmu ma' xulxin, jerġgħu jibdew jafdaw lil xulxin u jitgħallmu ma jiġġildux bejniethom, iżda minflok jinnegożjaw meta ma jaqblux. Barra minn hekk, in-nies se jiskopru li huma aktar b'saħħithom meta jkunu magħqudin. “X'idea tajba dik, Pegasus!”

Pegasus wieġeb, “Se nitlaq mill-foresta llum u mmur ħdejhom. Nirringrazzjak talli ġejt hawnhekk u għedtli li l-gwerra spiċċat. Mid-dehra hemm ħafna xogħol xi jsir.”

“Nawguralek affarijiet sbieħ,” qalet it-tifla, “nixtieq ningħaqad miegħek, iżda jien u l-barri, minħabba li ma nahaġġlux daqsek nispiċċaw aktar intellfuk milli ngħinuk fil-missjoni tiegħek. Minflok, se ninsisti li l-akbar ħabiba tiegħi, Ħamiema, takkumpanjak. Jien ċerta li se tkunu tim eċċellenti.”

Ħamiema, li kienet qiegħda f'siġra fil-qrib, taret lejn Pegasus u niżlet l-art bil-mod quddiemu. “Hello, Pegasus, ninsab ħerqana li naħdmu flimkien.”

It-tifla telgħet fuq dahar il-barri u tbissmet. “Naf li se tirnexxi.”

Il-barri, bit-tifla fuqu, beda jiġri, għall-ewwel bil-mod u mbagħad aktar bis-salt, sa ma tbiegħed minn hemm. “M'ghidtlx x'jismek!” Pegasus sejħilha.

“Europa!” wegħbitu, hekk kif hi u l-barri sparixxew fil-bogħod, filwaqt li ħallew traċċa ta' stilel inemnu warajhom.

Pegasus ħassu mħawwad. Għaliex it-tifla sparixxiet tant malajr, u kif kellu jikkonvinċi lin-nies jingħaqdu u jgħixu fil-paċi?



L-istorja li qed tisimgħu hija fittizja, iżda forsi nnotajtu li xi elementi minnha jistgħu jinstabu fil-ħajja reali?

Il-kontinent tal-Ewropa ssemma' għal Europa, li kienet prinċipessa fil-mitoloġija Griega. Skont il-ħrafa, Zeus, l-alla tal-ajru u tar-ragħad, sar iħobbha. Huwa ttrasforma lilu nnifsu f'barri abjad u ħadha fil-gżira ta' Kreta biex tgħix miegħu.

L-Ewropa hija wieħed mis-seba' kontinenti tad-dinja. B'varjetà ġeografika u kulturali kbira, fiha 44 pajjiż u jgħixu fiha aktar minn 700 miljun persuna. Hemm ħafna postijiet sbieħ bi storja u b'kultura affaxxinanti. Ħafna mix-xjenzati, l-inventuri, l-artisti u l-kompożituri famużi tad-dinja, kif ukoll persuni popolari mid-dinja tad-divertiment u nies sportivi ta' suċċess twieldu hemmhekk.

Iżda l-istorja tal-Ewropa mhijiex biss dwar kisbiet kbar. Hemm ukoll ħafna affarijiet li m'aħniex kburin bihom. Matul is-sekli, il-pajjiżi Ewropej iġġieldu fi gwerer terribbli kontra xulxin. Dawn il-gwerer normalment kienu minħabba l-poter u l-proprjetà, jew ir-reliġjon. Fis-seklu 20, faqqgħu żewġ gwerer kbar f'dan il-kontinent u spiċċaw biex involvew pajjiżi oħra minn madwar id-dinja kollha. Huwa għalhekk li dawn jissejgħu gwerer dinjin. Il-gwerer qatlu miljuni ta' nies u ħallew lill-Ewropa fqira u mġarrfa.

L-Ewropej, l-imwiet u l-qerda għoddhom qatgħulhom qalbhom, u ħallewhom imbeżżgħa mill-futur. Seta' jsir xi ħaġa biex il-gwerra tiġi evitata milli terġa' ssejtn bejn il-pajjiżi tagħhom? In-nuqqas ta' qbil tagħhom seta' jiġi solvut b'mezzi oħra flok il-ġlied? Ejjew nisimgħu l-kapitlu li jmiss biex naraw x'jiġri fl-istorja ta' Pegasus.

Kapitlu 2

Pegasus ħares lejn l-orizzont fejn it-tifla kienet sparixxiet. Għalkemm kien għad fadallu ħafna mistoqsijiet, kien jaf li ma kellux ħin x'jaħli. Fetaħ ġwinħajh u, b'Ħamiema maġenbu, dar dawra fuq il-foresta għall-aħħar darba, filwaqt li sellem lill-annimali sħabu qabel ma erħielha għall-vjaġġ tiegħu. Wara ftit ħin, raw bliet kbar fil-bogħod, u l-villaġġi żgħar taħthom. Id-duħħan ma kienx għadu tiela' mill-bini, iżda lanqas ma kienu jinstemgħu d-daħk u l-mużika. L-atmosfera kienet serja: in-nies kienu bilqiegħda bla enerġija, b'rashom baxxuta.

“Xi dwejjaq tara lil dawn il-pajjiżi u lil nieshom daqstant iddisprati! Irridu nagħtuhom it-tama u nigwidawhom lejn paċi fit-tul,” qal Pegasus.

“L-ewwel irridu nsibu dak li n-nies jimpurtahom minnu,” wieġbet Ħamiema.

Mill-bogħod, raw grupp ta' nies bilqiegħda maġenb dar żgħira li kienet taħt muntanja.

“Ejja ninżlu u nipprovaw inkellmuhom,” issuġġeriet Ħamiema. “Jekk nivvjaġġaw minn post għall-ieħor u nitkellmu ma' biżżejjed nies, forsi nkunu nistgħu nsibu xi ħaġa li hija importanti għal kulħadd.”

Pegasus niżel bil-mod fil-qrib u mexa lejn grupp ta' nies, b'Ħamiema ttir maġenbu. In-nies qamu bilwieqfa, maħsudin miż-żiemel bil-ġwienaħ li kien feġġ fl-ajru.

“Tibżgħux,” qalilhom Pegasus, waqt li resaq lejhom aktar bil-mod. “Qegħdin hawn għaliex nixtiequ nitkellmu magħkom.”

In-nies ħarsu b'inċertezza lejn il-viżitaturi mhux mistennija.

“Inti Pegasus?” staqsiet mara, bilkemm tista' temmen lil għajnejha.

“Jien hu,” ikkonferma.

“Il-na ma narawk ittir fl-ajru snin sħaħ! Ħsibna li kont tlaqt għal dejjem!”

Pegasus baxxa rasu bħallikieku qed jiskuża ruħu. “Jiena tlaqt meta faqqgħet il-gwerra, iżda fraħt ħafna meta smajt li kienet spiċċat. Irritornajt malajr kemm stajt, u fil-fatt, jien ġejt hawn biex ngħinkom tibnu futur b’aktar paċi.”

Tkellem wieħed raġel. Dan kellu ħarsa xettika fuq wiċċu. “Il-gwerer spiċċaw, iva. Iżda m’iniex konvint li tista’ ssibilna xi mod kif tinħoloq paċi dejjiema.” Oħrajn fil-folla qablu miegħu.

“Il-paċi f’artijietna tkun ħolma li ssir realtà,” qalet il-mara ta’ qabel, “iżda issa qegħdin inħabbtu wiċċna ma’ tipi ta’ problemi oħra. Djarna nqerdu u m’għandniex l-injam li neħtieġu biex nerġgħu nibnuhom. Aħna nafu kif nagħmlu dan,” qalet, waqt li ppuntat lejn serrieq kbir u bank tax-xogħol li kienu jintużaw għat-tqattigħ tas-siġar fi twavel twal tal-injam, “iżda l-foresti nħarqu. Ma fadalx siġar għalina hawnhekk.”

“Minħabba li m’hawnx injam, ma nistgħux inkebbusu n-nar biex insajru l-ikel u nsaħħnu djarna,” żiedet persuna oħra.

“Xi wħud minna kienu jaħdmu hemmhekk qabel il-gwerra,” qal ir-raġel xettiku ta’ qabel, filwaqt li pponta subgħu lejn il-muntanja ta’ warajh. “Qabel kien hemm siġar imħawla apposta li konna nieħdu ħsieb bir-reqqa biex nipprovdu l-injam għall-belt kollha tagħna, iżda issa spiċċa kollox fix-xejn.”

Mara xiħa tkellmet: “Mingħajr l-injam, ma nistgħu nerġgħu nibnu xejn. Aħna rridu biss li nkomplu bil-ħajja tagħna fil-paċi. Iżda l-gwerra użat u qerdet kompletament l-affarijiet li għandna bżonn biex ngħixu.”

Pegasus u Ħamiema semgħu lin-nies b’attenzjoni. Kien hemm ħafna dwar xiex jaħsbu. Meta kulħadd kien qasam it-tħassib tiegħu, Pegasus u Ħamiema rringrazzjawhom, u komplew bil-vjaġġ tagħhom.

Fil-pajjiżi kollha li żaru, in-nies riedu li l-paċi tkun dejjiema, iżda tkellmu wkoll dwar kemm kien diffiċli li jinstab l-injam biex jerġgħu jibnu djarhom, biex isajru l-ikel u biex iżommu sħan.

“Din tista’ tkun dik ix-xi ħaġa li tgħaqqad lin-nies,” qalet Ħamiema jum fost l-oħrajn, meta kienu qed itiru lejn belt oħra.

“Xiex eżattament?” staqsa Pegasus.

“Is-siġar u l-injam.”

“L-injam se jġib il-paċi?” Pegasus staqsa konfuż. “Qed tgħid li mqar ħaġa sempliċi bħal biċċa injama se ġġib il-paċi fost in-nies?”

Ħamiema tbissmet b’ħarsa għaqlija. “Tiftakar li aħna għedna li se nipprovaw insibu x’inhu importanti għal kulħadd? L-injam huwa importanti, għaliex mingħajr l-injam in-nies ma jistgħux joħlqu l-għodod, jibnu d-djar, isajru l-ikel u jsaħħnu djarhom.”

Pegasus fehem, iżda ħass li l-injam ma kienx l-unika ħaġa li n-nies kienu jsibu importanti. “Kull fejn morna, in-nies qalu wkoll li ma jridux aktar ġlied. Dan ifisser li huma jaħsbu wkoll li l-paċi hija importanti.”

Ħamiema qablet. “Jekk jirnexxilna nwasslu lil nies mill-pajjiżi differenti biex jaħdmu flimkien ħalli jkabbru s-siġar u jipproduċu l-injam, in-nies ikollhom jingħaqdu f’din l-attività u forsi jintebħu li għandhom affarijiet oħrajn komuni bejniethom ukoll. Dan jista’ jkun il-bidu taż-żamma tal-paċi fost il-pajjiżi tagħhom.”

Għajnejn Pegasus xegħlu bl-eċċitament. “Jekk ikun hemm il-paċi f’żona waħda, din tista’ tispira l-paċi f’postijiet oħrajn u n-nies jitgħallmu kif jaħdmu flimkien fuq ħafna affarijiet differenti!”

“Jeħtieġ li nlaqqgħu flimkien lill-mexxejja ta’ dawn il-pajjiżi u nispjegaw l-idea tagħna li l-ħidma flimkien biex jitkabbru s-siġar u jinħadem l-injam tista’ tkun it-triq biex tiġi evitata l-l-gwerra,” qalet Ħamiema.



L-idea ta' Pegasus u Ħamiema li jgħaqqdu l-popli tad-dinja tagħhom billi jaqsmu rizersa bħall-injam, tirrifletti storja li seħħet fil-ħajja reali.

Bħall-gwerra fl-istorja tagħna, il-gwerer fl-Ewropa wasslu għal qerda u qtil terribbli. L-Ewropa spiċċat imfarrka. Il-mexxejja tal-pajjiżi Ewropej kellhom bżonn pjan tajjeb biex iwaqqfu dawn l-affarijiet koroh milli jerġgħu jseħħu. Wieħed Franċiż jismu Jean Monnet ħaseb ħafna dwar dan u ntebaħ li kien hemm żewġ affarijiet li pajjiż kellu bżonn qabel ma seta' jidħol fi gwerra: il-ħadid għall-produzzjoni tal-azzar biex isiru l-armamenti, u l-faħam biex iħaddem il-fabbriki u l-ferroviji. L-Ewropa kellha ħafna faħam u azzar: kien proprju għalhekk li l-pajjiżi Ewropej kienu kapaċi jagħmlu l-armamenti u jiġġieldu l-gwerer. Għalhekk, Jean Monnet issuġġerixxa pjan li qatt ma kien ġie ppruvat qabel. Kieku kellek tipperswadi ż-żewġ rivali antiki, il-Ġermanja u Franza, biex jaħdmu flimkien għall-produzzjoni tal-faħam u tal-azzar tagħhom, kien isir aktar diffiċli li jkun hemm gwerer oħrajn bejniethom għaliex jitgħallmu jħarsu lil hinn mid-differenzi tagħhom. Jean Monnet tkellem dwar din l-idea mal-ħabib tiegħu Robert Schuman, li kien ministru fil-gvern Franċiż. Robert Schuman deħrlu li l-idea kienet brillanti u ħabbarha f'diskors fid-9 ta' Mejju tal-1950. Dan kien il-bidu tal-proġett ta' paċi li issa jissejjaħ l-Unjoni Ewropea.

Taħseb li Robert Schuman kien inkwetat dwar il-mod kif in-nies kienu se jirreaġixxu għall-pjan biex tingħaqad l-Ewropa? Taħseb li kien faċli għall-pajjiżi tal-Ewropa li jingħaqdu? Ejjew naraw kif se jibqgħu Pegasus u Ħamiema bil-pjan tagħhom.

Kapitlu 3

Fil-ġimgħat ta' wara, Pegasus, bl-ġhajjnuna ta' Ħamiema, laqqa' flimkien il-mexxejja u l-popli mill-pajjiżi differenti. Din kienet pjuttost dehra impressjonanti meta kulħadd sa fl-aħħar kien miġbur f'post wieħed. Pegasus kien eċċitat għall-aħħar meta rahom ilkoll flimkien. Dan fakkru fiż-żmien ta' qabel il-gwerra. Il-lingwi u l-kulturi tagħhom, id-dehra tal-ħwejjeġ tagħhom kienu differenti minn xulxin, iżda kienu jixxiebh u wkoll. Kulħadd ried il-ferħ u l-paċi għal familtu. Kienet xi ħaġa sabiħa li reġgħu nġhaqqdu flimkien.

“Għeżież nies,” beda Pegasus, “grazzi talli ġejtu hawn illum. Stedinniekom għal din il-laqgħa biex nissuġġerixxu li jekk il-pajjiżi differenti tagħkom kollha jaħdmu flimkien biex ikabbru s-siġar u jipproduċu l-injam, allura tkun possibbli paċi dejjiema.”

“It-tkabbir tas-siġar se jipprevjeni l-gwerra? Kif?” staqsa wieħed mill-mexxejja kollu xettiċiżmu.

“Jekk kull pajjiż ikabbar is-siġar li jikbru fih, u lkoll taqblu li tpartu l-injam skont ma jkollkom bżonn, daqslikieku l-fruntieri bejnietkom ma jeżistux, kollha kemm intom ikollkom il-materjali li teħtieġu. Dan għandu jnaqqas l-inkwiet bejnietkom, u jħeġġiġkom titkellmu ma' xulxin ta' ħbieb, u tinnegozjaw ma' xulxin, minflok tiġġieldu. Barra minn hekk, hemm tipi ta' injam b'saħħtu, li huma aktar adattati għall-bini tad-djar, injam xott ħafna tajjeb biex jitqabbad in-nar għat-tisjir u u għat-tisħin, filwaqt li hemm injam ieħor imlewwen u li jkun sabiħ meta jitnaqqax f'oġġetti żgħar bħal dawk li kontu tbigħu fis-swieq tagħkom qabel il-gwerra. Meta tpartu l-injam tagħkom mal-injam tal-ġirien tagħkom, kulħadd jitgħallem kif jaqsam l-affarijiet ma' xulxin. L-ebda pajjiż mhu se jsir aktar b'saħħtu mill-oħrajn, u kulħadd igawdi l-ġid,” spjega Pegasus.

“Iżda kull pajjiż huwa differenti, u kulħadd jitkellem bil-lingwa tiegħu,” oġġezzjona wieħed mill-mexxejja. “Kif se naħdmu flimkien?”

Pegasus kien se jwieġeb, meta f'daqqa waħda, qabżet xiħa minn fost il-folla: "Niftakar iż-żminijiet meta n-nies mill-pajjiżi differenti kienu jinnegozjaw bejniethom. Aħna konna nsibu modi kif nikkomunikaw, u saħansitra sirna ħbieb, minkejja d-differenzi tagħna. Għalhekk huwa possibbli!"

"Iva, niftakar ukoll!" għajtet persuna oħra. Oħrajn fil-folla tennew dan il-kliem.

"Il-paċi hija possibbli!" żiedu oħrajn.

"Iva! Aħna rridu l-paċi!" għajtet il-folla.

Pegasus serraħ rasu u haṣṣu ferħan meta sema' dan. Wara li l-folla kkwitat, Pegasus ta l-aħħar parir lill-pajjiżi differenti: "Il-paċi u l-ħidma flimkien mhux se jseħħu kollha f'daqqa, iżda pass pass, żgħir sakemm verament tibdew tafdaw wieħed lill-ieħor u jsir jimpurtakom tassew minn xulxin." ⁽¹⁾

Dakinhar kien hemm ċelebrazzjonijiet kbar hekk kif il-kelma nfirxet li n-nies kienu għażlu li jaħdmu flimkien għall-paċi.

In-nies għaqqdu l-isforzi tagħhom u bdew jaqsmu l-ħażniet tal-injam tagħhom ma' xulxin, filwaqt li jaħdmu flimkien biex jużaw dan il-materjal prezzjuż li lkoll kienu jiddependu minnu. Għall-ewwel, in-nies żammew ftit lura u kienu xi ftit imbeżżgħa. Madankollu, maż-żmien, dawn bdew jafdaw lil xulxin, u raw li l-ġirien tagħhom xtaqu wkoll jgħixu ħajja li fiha jirrenjaw il-paċi u l-kontentizza. Huma ntebħu li l-ħajja hija aħjar meta jgħixu flimkien, mhux bħala għedewwa, iżda bħala ħbieb. Il-ħolma ta' Pegasus li n-nies jaħdmu flimkien biex joħlqu l-paċi, il-prospertà u l-unità bdiet tissawwar. L-affarijiet li darba ġġieldu dwarhom, issa kienu l-affarijiet li ressquhom lejn xulxin.

Jum fost l-oħrajn, ħafna snin wara, Pegasus u Ħamiema kienu qed itiru flimkien, waqt li jħarsu lejn il-pajjiżi taħthom. Huma raw li n-nies kienu sejr in ħafna aħjar: il-ħsara mill-gwerra kienet issewwiet, tħawlu siġar ġodda u l-pajjiżi mtlew għal darb'oħra bi bliet u b'villaġġi mimlijin ħajja. It-

(1) Verżjoni adattata għal din l-istorja ta' silta mid-dikjarazzjoni ta' Schuman.

tfal kienu qed jilagħbu fl-iskejjel, in-nies kienu qed jiżfnu, joħlqu ħwejjeġ ġodda, jaħdmu u jaqsmu l-affarijiet ma' xulxin. Il-komunitajiet differenti kienu qed jingwalawha u jgħinu lil xulxin. L-idea tagħhom kienet bil-mod il-mod saret realtà u l-pajjiżi kienu saħansitra ddeċidew li jneħħu l-fruntieri ta' bejniethom, minħabba li n-nies kien jħobbu jżuru lil xulxin u jitgħallmu l-lingwi ta' xulxin, u dan wassal biex inħolqu ħafna ħbiberiji ġodda. Pegasus tbissem kuntent hekk kif ħaseb f'Europa, it-tifla bil-libsa kkulurita li ltaqa' magħha maġenb ix-xmara snin ilu. Min jaf kemm kienet tkun kburija!

Pegasus dar lejn Ħamiema hekk kif kienu qed itiru fl-ajru, u qalilha “il-pajjiżi issa huma magħqudin fid-diversità. Irnexxielna!”

“Iva, vera xi ħaġa sabiħa,” qablet Ħamiema, “iżda n-nies ma għandhomx jieħdu l-affarijiet qishom waqgħu mis-sema. Il-paċi u l-ġid inkisbu b'ħafna saġrifċċji u jistgħu jiġu mhedda jekk ma jibqgħux attenti u ma jiftakrux għaliex qabelxejn kienu nġhaqdu flimkien.”

Ħamiema u Pegasus naqqsu l-pass, u kwieti kwieti rriflettew dwar dan. F'daqqa waħda Pegasus dar fuq Ħamiema, “Minkejja li jistgħu jinqalgħu diffikultajiet ġodda fil-futur u li jkunu ta' sfida għall-paċi li ssaltan illum, nittama li n-nies se jsibu saħħa fl-għaqda ta' bejniethom u jaħdmu flimkien biex isibu soluzzjonijiet ġodda għall-problemi li jiffaċċjaw.”

Ħamiema tbissemet bi qbil miegħu, u komplew fi triqthom, mimlija b'tama ġdida.



Il-popli fl-istorja li għadek kif smajt kienu fl-aħħar kapaċi jsibu mod prattiku, jiġifieri li jaqsmu bejniethom il-produzzjoni tal-injam sabiex jiksbu l-paċi fosthom. Bl-istess mod, fil-ħajja reali, l-Ewropej kisbu b'suċċess il-paċi billi ħaddnu flimkien il-produzzjoni tal-azzar u tal-faħam tagħhom. Dan kien il-bidu tal-Unjoni Ewropea, imsejħa bħala l-UE.

Bħal fl-istorja, il-messaġġ tal-paċi u s-solidarjetà nfirex minn ftit pajjiżi għal ħafna. L-Unjoni maħluqa bejn il-pajjiżi tal-Ewropa bdiet b'sitt pajjiżi u expandiet sakemm kienet tinkludi s-27 pajjiż li huma parti mill-Unjoni Illum.

Fl-Unjoni Ewropea, in-nies jirrispettaw il-kulturi u l-lingwi ta' xulxin. Sempliċiment għaliex aħna parti minn unjoni waħda, ma jfissirx li nitilfu dawk l-affarijiet li jagħmluna uniċi. B'differenza mill-passat, aħna niċċelebraw id-differenzi tagħna u nitgħallmu minn xulxin, filwaqt li nkunu magħqudin. L-Unjoni Ewropea adottat bandiera bi 12-il stilla safra f'forma ta' ċirku, biex tissimbolizza din l-unità u kooperazzjoni.

L-Unjoni Ewropea għandha wkoll l-innu tagħha stess u jum speċjali li fih niċċelebraw il-paċi li ksibna. L-Innu Ewropew huwa msejjaħ "Għanja ta' Ferħ". Dan huwa bbażat fuq id-Disa' Sinfonija famuża ta' Beethoven. Il-jum taċ-ċelebrazzjoni jissejjaħ Jum l-Ewropa u jiġi ċċelebrat fid-9 ta' Mejju. Tiftakru meta tkellimna dwar Jean Monnet u Robert Schuman aktar kmieni? Robert Schuman għamel id-diskors tiegħu fid-9 ta' Mejju, u għalhekk niċċelebraw il-paċi u l-unità fl-Unjoni Ewropea kollha proprju f'dan il-jum.

Illum tistgħu taraw kif l-Ewropej jaħdmu flimkien b'diversi modi. Ħafna pajjiżi Ewropej jużaw l-istess munita, imsejħa l-euro. Oqogħdu attenti biex tilmħu lit-tifla Europa u lill-barri abjad li huma stampati fuq xi muniti u karti tal-flus tal-euro! Barra minn hekk, in-nies mill-Unjoni Ewropea jistgħu jaħdmu, jistudjaw u jivvjaġġaw fil-pajjiżi ta' xulxin, mingħajr ma jkollhom għalfejn jimlew ħafna dokumenti bla bżonn jew mingħajr ma jkollhom bżonn permess speċjali.

L-istorja li smajna dwar Pegasus u l-gwerra fil-kontinent tintemm b'wiċċ il-ġid, iżda sfortunatament, fid-dinja tagħna, għad hemm postijiet fejn in-nies għadhom jiġġieldu. Bħal Pegasus, aħna għandna rwol x'naqdu; li niżguraw li l-idea ta' "magħqudin fid-diversità" tibqa' magħna, biex jekk Alla jrid, aktar nies ikunu jistgħu jgħixu flimkien fil-paċi u jgawdu d-differenzi bejniethom. Ejjew noħolqu l-kapitlu li jmiss tal-istorja tagħna, bil-paċi u l-ġid għal kulħadd bħala l-għan aħħari!



Ismagħni
europa.eu/!vchFRK



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea